# KUMITAT REGJONALI XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

## Minuti tal-Laqgha Nru. 38 / 2012

Data u hin

Il-Laqgha Nru 38/2012 tal-Ewwel Amministrazzjoni
saret it-Tlieta, 20 ta' Novembru, 2012 fis-6.00pm
fl-Ufficcju Amministrattiv ta' Regjun Xlokk
f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

Attendenza

**Prezenti ghal-laqgha :**

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, Sindku Tarxien |
| Dr Alexiei Dingli | Sindku Valletta |
| Is-Sur Lorry Attard | Kunsillier Birgu |
| Is-Sur Chris Cocker | Kunsillier Isla |
| Is-Sur Joe Attard | Sindku Zejtun |
| Is-Sur Anthony Degiovanni | V/Sindku Fgura |
| Is-Sur Nigel Holland | Sindku Floriana |
| Is-Sur Michael Cohen | Sindku Kalkara |
| Is-Sur Francis Debono | Sindku Marsa |
| Is-Sur Mario Calleja | Sindku M'Scala |
| Il-Perit Edric Micallef | Sindku M'Xlokk |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**
Sindku Bormla
Sindku Zabbar
Sindku Xghajra

**Assenti:**
Sindku Paola

Il-President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha li bdiet fis-6.00pm.

38.1 **<u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 37/2012 mizmuma fit-22 t' Ottubru 2012 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija, u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.
Il-Kumitat approva l-minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

38.2 **Quarterly Finanacial Statements Lulju 2012 – Settembru 2012**

Hekk kif bdiet il-laqgha, il-President talab li l-Agenda tigi sospiza sabiex jistieden lis-Sur Ramon Cutajar, prezenti, l-Accountant tar-Regjun (Mazars) li prezenta l-Quarterly Financial Statements, hawn anness.
Kopji ta' dan ir-Rapport kien gew mqassma qabel permezz ta' e-mail lis-Sindki sabiex

huma setghu jifluh u jigu preparati.
Gew spjegati l-aspetti ta' dhul u nfieq differenti biex giet imkejla l-performance tas-Sistema tal-Infurzar Lokali (LES) li jkopri l-perijodu mill-ewwel ta' Lulju 2012 sa l-ahhar ta' Settembru 2012 (Quarter 3).
Id-dhul generat mis-sistema tal-LES (sole income) ghall-Q3 jammonta ghall-€361,283.
Dan l-ammont jikkomprendi dhul minn kontravenzjonijiet imhallsa li jammontaw ghall-€284,9500, u €76,333 li huma dovuti minn kontravenzjonijiet decizi mit-Tribunali favur ir-Regjun li hu l-ammont previst ta' 61% li minnhom qatt jigu mhallsa.
*Year to date,* id-dhul totali mill-LES jammonta ghall-€1,285,031.
Gie spjegat l-infieq, partikolarment dak li jikkoncerna il-Commission li tithallas lill-Kunsilli Lokali, Servizz tal-Wardens, Datatrak, spejjez tat-Tribunali u l-istaff li jammontaw ghall-€295,765 ghall- Q3 u €896,046 ghall-Year to date.
L-Accounting profit ghall-Q3 jammonta ghall-€39,148 waqt li l-Year to Date accounting profit jammonta ghall- €322,929.
Il-Year to date budgeted profit jammonta ghall- €270,536.
Wara li dawk kollha prezenti segwew l-ispjega ta' dan ir-Rapport, approvawh unanimament.
Dawk prezenti talbu li ghandu jigi preparat rapport li jghati stampa cara tas-sitwazzjoni finanzjarja tar-Regjun minn Settembru 2011 sa sena wara peress li jirrizulta li r-Regjun qieghed lura sew fil-hlasijiet tieghu. L-awtoritajiet ghandhom jigu nfurmati bis-sitwazzjoni finanzjarja hazina tar-Regjun li b' din ir-rata ghandu xi sentejn biex jirkupra peress li s-sistema mhux trendi u meta wiehed iqis li l-ammont rejali li jista' jingabar mill-kontravenzjonijiet hu madwar 61%.
Is-Sindku tal-Kalkara issugerixxa li ghandu jsir investiment f' persuna biex isir ricerka li turi kif ser jingabru flus li huma dovuti lir-Regjun.
Jidher li xi Kunsilli naqsu l-interess taghhom fl-LES peress li issa m' ghandhomx qliegh mis-sistema meta wiehed jikkunsidra li l-Kumitati Kongunti qatt ma hadmu b' telf !
Barra minn hekk, gie kkumentat li jekk il-poplu jaderixxu ruhu mar-regolamenti tal-LES u jonqsu h-hrug tac-citazzjonjiet, ikun iffisser falliment finazjarju tar-Regjun li hu msejjes fuq dan id-dhul.
Ta' min jinnota li spejjez ghall-attivitajiet organizzati mill-Kunsilli Lokali huma a kariku tal-istess Kunsill li jkun organizzhom.

## 38.3 **<u>Punti Mqajjma</u>**

### 38.3.1 LES.

LES

Ghall-laqgha tal-lum kien hemm mistiedna, l-Authorised Officers tar-Regjun.
Kienu mistiedna wkoll id-dirigenti tal- kumpanjija tal-Warden Services, Sterling Security Ltd peress li kienu qed isiru hafna ilmenti u b' hekk flimkien seta' jigi diskuss kif jista' jinghata servizz ahjar kif ukoll biex jigi diskuss l-ammont dovut lilhom.

AOs u Sterling Security Ltd mistiedna fil-Laqgha

Id-dirigenti ta' Sterling Security Ltd, irreferew ghall-e-mail mibghuta lis-Segretarju Ezekuttiv fejn kienu talbu pjan kif ser jithallas l-ammont li hu dovut lilhom. Ghalhekk, fost issues ohrajn, mhux talli tali e-mail ma gietx injorata, talli din il-kumpanija giet mistiedna ghall-din il-laqgha fejn setghu isegwu s-sitwazzjoni finanzjarja tar-Regjun. Wiehed ma jistax ifassal pjan ta' hlas lura meta hemm problema kbira ta' *cashflow* u ghalhemm il-hlasijiet isiru a bazi ta' xi jkun gie depozitat fil-kont bankarju tar-Regjun sa ftit qabel il-laqgha Regjonali.

Id-diskussjoni bdiet billi dawk prezenti semmew id-delega tal-LES  li giet vestita lir-Regjuni – kien hemm min issugerixxa li xi servizzi jergghu jigu taht il-kontroll tal-Kunsilli Lokali bhal qabel meta kien hemm u permezz ta' delega u dan ghaliex ikun hemm aktar nies biex jissorveljaw is-servizzi mghotija.  Id-delega favur ir-Regjuni ma tistax tigi dicentralizzata.

Is-Sindku tal-Belt u l-Authorised Officer ilmentaw bin-nuqqas ta' servizz tal-Wardens fil-Belt Valletta, fejn bejn is-7.00pm u s-7.00am wiehed ma ssibx Warden ghas-servizz tar-residenti. Qed jinhargu mhux aktar minn 2 citazzjonijiet fis-siegha meta s' Awissu 2012 kienu jinhargu madwar 5 fis-siegha.  Ta' sikwit isib l-Wardens jew bla ingravata jew bla beritta, jibqghu fil-karozzi u jistennew lil xi hadd jipparkja hazin f' xi kantuniera, johorgu citazzjoni u jergghu jidhlu il-karozza.  Is-Sindku zied li s-servizz hu kwazi inezistenti, b' konsegenzi negattivi fuq ir-residenti bin-nuqqas ta' motivazzjoni tal-Wardens.  Wiehed ukoll jinnota l-kwalita ta' kontravenzjonijiet li qed johorgu.
Il-Servizz tal-Wardens mexa' tajjeb ghal 12-il sena s' Awissu li ghadda. Ghalhekk kien mistenni li s-servizz jibqa konsistenti u skond il-kuntratt li ghadu in vigore.
Intqal li l-Wardens qed jahdmu kif iridu huma u mhux fl-interess tar-residenti. Qed jitolleraw parking bl-addocc.  L-Authorised Officer sab Wardens jiehdu café' mill-anqas tlett darbiet u meta indaga fuqhom lanqas il-Manager taghhom ma kien jaf il-hinjiet tal-brejk taghhom.  Allura minn 8 sieghat xoghol, Warden ghandu jiehu siegha minnhom bhala break a spejjez tar-Regjun ?
Jahdmu tnejn tnejn fuq struzzjoni tal-Union fil-*hot spots* tal-Belt u ghalhekk is-sieghat allokati ghall-Belt Valletta (80 siegha) huma prattikament in-nofs. Ilmentaw li l-Ftehim Kollettiv mhux favur ir-Regjun.
Il-Kunsill Lokali tal-Belt u l-Authorised Officer intalbu jipprezentaw  proposta ta' skeda f' parametri ragjonevoli fic-cirkostanzi finanzjarji tar-Regjun.

Sterling Security Ltd qal li huma jimxu u marbutin mal-Ftehim Kollettiv u kif kien rikjest fit-Tender il-gdid, li hu komuni ghal kull min joffri Warden Services. Fil-Belt Valletta,  Area A u B wardens jahdmu individwali waqt li Areas C u D  jinhadmu tnejn tnejn.
Il-Kuntratt ma jimpediex li jahdmu wara s-6.00pm izda jrid jithallas bhal l-*overtime*.  Wiehed irid iqis il-problema finanzjarja tar-Regjun u li mhumiex jithallsu regolarment u fil-fatt huma dovuti madwar €140,000.

Il-membri prezenti qabblu li l-Kumitat Regjonali Xlokk ghandhu jimxi skond kif jorbot il-ftehim tal- Warden Services li ghandu in vigore u li l-Ftehim Kollettiv ma jorbotx lir-Regjun.
Iridu jigu osservati il-hinjiet tax-xoghol partikolarment dawk li jindikaw il-hin tax-*shift* ta' fil-ghaxija waqt li ghandha ssir indagini ta' fejn huma l-*hot spots* tal-Belt Valletta.
Per ezempju fil-kuntratt tal-Belt Valletta il-hin li jiddefinixxi fil-ghaxija hu t-8.00pm (pg 15).

Wiehed iqis li l-kuntratt il-gdid ghadu mhux in vigore u dan assolutament mhux tort tar-Regjun.  Ir-Regjun wiret il-kuntratti li llum skadew izda gew imgedda skond il-ligi.  Il-Vici Sindku tal-Fgura qal li l-fatt li Sterling Security baqghu joffru servizz ifisser li huma accettaw it-tigdid tal-kuntratti in toto. Il-hlas tal-uzu tal-karozzi ghad trid tigi processata peress li dan ma kienx

inkluz fil-kuntratt li hemm in vigore.

Wiehed irid jghid ukoll li d-dokument tat-Tender tal-Wardens gie impost fuq ir-Regjuni mid-Dipartiment.

Sterling Security Ltd stqarrew li f' dawn ic-cirkostanzi baqghu jghatu servizz u li h-hinijiet fil-kuntratt il-gdid huma indikati cari in sosten tal-Ftehim Kolletiv. Ghall-Belt Valletta huma jithallsu bis-€16.80 kull siegha u late hours bit- €22 fis-siegha. Hemm ukoll stabbilit fit-Tender il-gdid il-hinjiet li jiddefenixxu fil-ghodu u fil-ghaxija.
Dwar overtime, irid ikun ghal mill-inqas 3 sieghat u s-Sibt mill-inqas 4 sieghat skond il-Ftehim Kollettiv.

Hawn hekk kien hemm min staqsa allura jekk Warden ikun xoghol (8 sieghat) u jkun hemm bzonn li jibqgha siegha ohra biss overtime, ghalfejn ghandu jibqa 3 sieghat meta hemm kontinwita fil-hin fejn qieghed xoghol diga' u ma jkunx hemm bzonn ta' dawk is-saghtejn l-ohra. Ez mill-10.00am sas-6.00pm u siegha wahda biss overtime sas-7.00pm f' kontinwita'.
Illum jekk wiehed jidhol xoghol mill-10.00am sas-6.00pm u hemm bzonn ta' siegha biss overtime - Warden qed jigi mgieghel joqghod sad-9.00pm - hemm lok ta' 3 sieghat overtime ?
Mentri, tista' tinhadem minn 12.00pm sat-8.00pm u siegha wahda biss overtime sad-9.00pm.

Il-membri kollha prezenti qabblu li fis-sitwazzjoni prezenti r-Regjun irid inaqqas u jopera b' inqas spejjez u jzied l-efficjenza. Il-problema ewlenija hi l-*cash* flow. Intqal minn whud prezenti li f' din is-sitwazzjoni "jew se niddefendu s-sistema tar-Regjun jew ser nidikjaraw falliment".

F' dawn ir-cirkostanzi, hemm differenza kbira bejn l-obbligi kontrattwali attwali b' diskrepanza kbira ma' l-obbligi tal-Ftehim Kolletiv. Mhux sew li r-Regjun qed jixtri servizz illum skond kif tiddeta Union meta l-kuntratt il-gdid ghadu mhux iffirmat ~ hu t-Tender il-gdid jorbot il-futur.

Sterling Security Ltd stqarrew li huma gew imgieghla jiffirmaw il-Ftehim Kollettiv f' Jannar 2010 liema d-dokument jifforma parti mid-dokumenti li kienu rikjesti fit-Tender Document il-gdid.

L-iskop li gew mistiedna Sterling Security illum kien li l-affarijiet jitrangaw u ghandu jsir stharrig jekk jistax isir ftehim *transitional* bejn it-Tender l-antik u l-gdid.

Dan il-hin il-President irrimarka li l-Bid Bond tal-Kuntratt il-gdid skadiet fl-ahhar t' Awissu u ma gietx imgedda. Sterling Security Ltd ma kkuntestawx dan il-fatt anke f' korrispondenza.

Il-Vici Sindku staqsa jekk il-Bank Guarantee tal-kuntratti li ghadhom *in vigore* humiex validi, l-Authorised Officer tal-Fgura/Zejtun wiegeb li dawn kollha validi kif suppost.

Sterling Security Ltd regghu gew mistiedna ghall-laqgha li jmiss biex jigi diskuss kif ser jigu regolati il-flus dovuti lilhom u jigi diskuss tifsil ta' programm ta' hlas. Irid ikun hemm impenn miz-zewg nahat.

38.3.2 **LTD** LTD

Hekk kif ir-Regjun gie nfurmat mill-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali b' *data* li turi fejn tqassmu l-flus dovuti lilhu mill-LTD, mill-ewwel saret korrispondenza mal-Kunsilli Lokali tar-Regjun. Saret korrispondenza wkoll mal-Kumitati Kongunti peress li rrizulta li fejn kien hemm Kunsilli Lokali li ghalqu l-*account* tal-LES taghhom, il-flus dovuti gew depozitati f' *accounts* tal-Kumitati Kongunti. L-uniku Kunsilli li rritornaw dawn il-flus kienu l-Kunsilli ta' Bormla u l-Fgura. Il-President qal jekk ser ikun hemm xi Kunsilli li ma jirritornawx dawn il-flus lir-Regjun mill-aktar fis, ir-Regjun ser jiehu l-passi kollha li ttiegh il-Ligi biex jirkupra dawn il-flus.

38.3.3 **Sorveljanza ma' skejjel waqt li jkun dehlin jew hergin it-tfal.** Sorveljanza ma' skejjel

Intalbet informazzjoni mis-Sur Maurice Caruana (Chairperson LES Steering Committee) dwar x'tip ta' sorveljanza ghandhom l-iskejjel kollha tar-Regjun.

Minn 34 skola fir-Regjun irizulta li 2 biss kienu qed jigu sorveljati minn Wardens, 19 qed jigu sorveljati minn Pulizija waqt li 15 minnhom m' huma sorveljati minn hadd.

Il-Vici Sindku tal-Fgura rega' talab ghall-Warden hdejn l-iskola primarja tal-Fgura fl-interess suprem tal-tfal, u s-Sindku tal-Belt talab ukoll ghall-hdejn Saint Albert the Great College.

Il-President infurmhom li l-Kunsilli Lokali jistghu iqabdu Wardens (TMS) a spejjez taghhom. Stqarr li barra li legalment din hi responsabilita' tal-Kummissarju tal-Pulizija, wiehed ried jara l-ispiza ta' Warden Services li kieku kellha ssir sorveljanza ma' dawn l-iskejjel kollha. Gie kkalkulat li din tammonta ghal madwar €104,857.63 (TMS) fis-sena u madwar €248,904.48 (Rotta) .

38.3.4 **Datatrak** Datatrak Kuntratt

Ir-Regjun ircieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fit-13 ta' Novembru 2012, fejn ir-Regjuni gew informati li fuq parir tal-Avukat tar-Repubblika, il-ftehim ma' Datatrak seta' jsir wara li giet ikkunsidrata il-Klawsola 6.1.3 (revizjoni/modifikazzjoni bi qbil bejn iz-zewg partijiet) tal-Ftehim li kien sar fl-2008.

Ghalhekk ghanda ssir komikazzjoni ma' Datatrak biex jigi ffirmat dan il-ftehim minnufih.

## 38.4 Affarijiet Finanzjarji

38.4.1 **Hlasijiet** Hlasijiet

Giet prezentata Payment Schedule u dawk prezenti approvaw il-hlasijiet indikati fl-istess *schedule*. Ghax-xahar ta' Settembru 2012, Sterling Security Ltd thallsu parzjalment tal-invoice komplessiva ghall-Belt Valletta, u tat-Tribunali tal-Fgura u z-Zejtun. L-Authorised Officer tal-Belt, irrimarka li kellhu jitnaqqas hlas ta' erbgha sieghat pero gie deciz ghal din id-darba biss li dan ma jsirx in kunsiderazzjoni tal-ammont li Sterling Security Ltd huma dovuti mir-Regjun.

## 38.5 Affarijiet Ohra

38.5.1 **Akkumulazzjoni ta' Vacation Leave** Akkumulazzjoni ta' Vacation Leave

Is-Segretarju Ezekuttiv resqet talba lill-Kumitat sabiex tkun tista takkumula Vacation Leave minn ta' din is-sena ghas-sena d-diehla. Dawk prezenti approvaw din it-talba unanimament.

38.6 **Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament**

Il-Laqgħa giet aggornata fid-8.45pm peress li l-maggoranza ta' dawk prezenti kellhom bzonn jitilqu meta kien baqa' hafna fuq l-Agenda. Il-Laqgha li jmiss ser tinzamm it-Tlieta, 27 ta' Novembru 2012, fis-6.00 pm, fil-boardroom tal-Kumitat Regjonali Xlokk. Gheluq

__________________________
Chev. Paul Farrugia
President

__________________________
M' Lourdes Lautier
Segretarju Ezekuttiv

Minuti approvati llum __________________, _______ ta'_____________________2012.
(Jum) (Data) (Xahar)